**QORTI CIVILI PRIM`AWLA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MCKEON**

**Illum il-Hamis 29 ta` Settembru 2016**

**Kawza Nru. 19**
**Rik. Nru. 1169/15 JZM**

**Konkors ta` Kredituri ta` Alexander Aloisio [karta tal-identita` numru 766551(M)] u Dagmar Pallmar Fiorini [karta tal-identita` numru 317602(L)]**

**Il-Qorti :**

**I. Preliminari**

Rat ir-rikors li pprezentat Lombard Bank Malta plc (C1607) fl-10 ta` Dicembru 2015 li jaqra hekk :–

*Illi skont sentenza ta` din l-Onorabbli Qorti tat-8 ta` Gunju 2005 (citazzjoni numru 660/2004 moghtija mill-Imhallef Geoffrey Valenzia) il-bank rikorrenti jinstab kreditur tal-intimati fis-somma ta` :-*

*€142,271.05 – ekwivalenti ghal Lm61,076.96 – somma kanonizzata skont sentenza moghtija fit-8 ta` Gunju 2005 fl-ismijiet Lombard Bank Malta plc vs Alexander u Dagmar Aloisio moghtija mill-Qorti Civili Prim Awla (citazzjoni numru 660/2004/GV) ;*

*€127,661.96 - imghaxijiet bir-rata ta` tmienja fil-mija (8%) kalkolati mis-26 ta` Awwissu 2004 sal-11 ta` Novembru, 2015 – oltre l-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv skont is-sentenza surreferita ;*

*€1,894.95 - spejjez legali skont taxxa hawn annessa bhala Dok "A" kif ukoll €126.86 taxxa fuq valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali mmarkati b` "X" fl-istess taxxa ;*

*B`kollox €271,954.82*

*u dan bla pregudizzju ghall-imghaxijiet ulterjuri fuq is-sorte mit-12 ta` Novembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv, l-ispejjez tal-procedura odjerna kif ukoll dawk kollha relatati mal-proceduri tas-subbasta ;*

*Illi sal-lum dan il-kreditu ghadu dovut ghalkemm li gie pprezentat rikors sabiex il-bank esponenti jigi awtorizzat jizbanka l-ammont ta` €205,000 mic-cedola ta` depozitu numru 688/2011 wara li gie liberat l-fond bin-numru 35, (illum numru 28) Triq Ghar id-Dud, Tas-Sliema favur Stephanie Sammut Tagliaferro ;*

*Illi kif jidher mill-atti tar-rikors ghal zbank fic-cedola sureferita hemm kredituri ohra li qeghdin jippretendu jeddijiet u/jew xi interess iehor fuq l-imsemmija depozitu.*

*Ghaldaqstant il-bank esponenti jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tordna l-ftuh ta konkors ta` kredituri ta` Alexander Aloisio karta tal-identita` numru 766551(M) u Dagmar Pallmar Fiorini karta tal-identita` numru 317602(L) fuq is-somma ta` €205,000 depozitata f`cedola numru 688/11 u dan skont kull provvediment li jidhrilha xieraq li ghandha taghti.*

Rat id-digriet taghha skont l-Art 416 tal-Kap 12.

Rat ir-rikors li pprezenta John Bugeja fl-4 ta` Jannar 2016 fejn, ghar-ragunijiet hemm indikati, talab illi jkun ammess fil-lista ta` kredituri skont l-Art 416 tal-Kap 12, u li l-kreditu tieghu fl-ammont ta` €40,000 jigi gradwat skont il-ligi.

Rat id-dokumenti li pprezenta John Bugeja mar-rikors.

Rat in-nota b`dokument li pprezentat Lombard Bank Malta plc fit-2 ta` Frar 2016.

Rat id-digriet li tat fl-udjenza tal-21 ta` April 2016 fejn ammettiet lill-John Bugeja fil-lista tal-kredituri konkorrenti.

Rat illi id-debitur Alexander Aloisio deher fl-istess udjenza fejn obbliga ruhu illi *jesebixxi d-dokumenti kollha mnejn jirrizulta illi min-naha tieghu m`hemmx opposizzjoni ghall-izbank favur il-Lombard Bank bhala kreditur li jippregradwa fuq kull kreditur iehor, u li l-kredituri Galea gew sodisfatti.*

Rat in-nota b`dokumenti li pprezentat` Lombard Bank Malta plc fit-18 ta` Mejju 2016.

Rat in-nota li pprezentat Stephanie Sammut Tagliaferro fit-18 ta` Mejju 2016 fejn wara tat ruhha b`notifikata bl-atti tal-procediment iddikjarat li ma kenitx qeghda topponi t-talba ta` Lombard Bank Malta plc.

Rat in-nota b`dokument li pprezenta Alexander Aloisio fl-udjenza tas-26 ta` Mejju 2016.

Rat il-verbal li sar ghal Alexander Aloisio fl-istess udjenza fejn kien dikjarat li huwa kien qed jaqbel illi Lombard Bank Malta plc tippregradwa u li ghandha tithalla hi.

Rat id-digriet li tat fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu* ghal-lum.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

Rat illi ma hemmx ostakolu sabiex is-sentenza tinghata llum.

## II. Il-konkorrenti

Wara l-liberazzjoni tal-fond 35 (gia` 28) Triq Ghar id-Dud, Sliema, favur Stephanie Sammut Tagliaferro, kienet depozitata taht l-awtorita` tal-qorti, permezz ta` cedola ta` depozitu nru 688/2011 is-somma ta` €205,000.

Tnejn kienu l-kredituri li talbu li jippartecipaw fil-procedura tal-lum.

Finalizzata l-procedura skont l-Art 416 tal-Kap 12, dawk iz-zewg kredituri kienu ammessi biex jikkonkorru ghall-ammont depozitat.

Dawn huma :-

1) **Is-socjeta` Lombard Bank Malta plc ;**

2) **John Bugeja.**

## III. L-Art 416 tal-Kap 12

Il-procedura tal-konkors tal-kredituri hija regolata bl-Art 416 tal-Kap 12 li jaqra hekk :-

*(1) Meta fil-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepozitati flus, illi fuqhom izjed minn zewg persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn ta` haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti, fuq rikors ta` wiehed minn dawk il-pretendenti, tordna, bil-mezz tar-registratur, li, f`gazzetta wahda jew izjed, fosthom f`kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b`dak id-depozitu u b`dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista` jkollu interess sabiex igib `il quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar ; u meta jaghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f`dak iz-zmien,*

*ma tista` twaqqaf jew xort`ohra zzomm il-kawza ta` konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkunu dehru.*

*(2) Fl-avviz hawn fuq imsemmi ghandu jkun hemm il-jum li fih, wara li jaghlaq l-imsemmi zmien ta` xahar, il-partijiet interessati kollha li jkunu giebu `l quddiem il-pretensjonijiet taghhom, ghandhom jidhru fil-qorti ghas-smigh tal-kawza.*

*(3) F`affarijiet tal-kummerc, iz-zmien hawn fuq imsemmi jista` jigi mqassar daqs kemm il-qorti jidhrilha li jkun bizzejjed.*

*(4) Bl-avviz hawn fuq imsemmi ghandhom ikunu nnotifikati d-depozitanti, id-debitur, il-kredituri esekutanti kif ukoll kull kreditur iehor li fuq talba tieghu jkun gie mahrug mandat ta` sekwestru.*

Skont is-subartikolu (1) jirrizulta illi sabiex jista` jiskatta l-konkors tal-kredituri jrid ikun hemm **<u>izjed minn</u>** zewg persuni li jkunu jippretendu li ghandhom jeddijiet aqwa fuq il-flus li jkunu gew depositati taht l-awtorita` tal-qorti.

Dwar dan ir-rekwizit, din il-Qorti fil-provvediment taghha ta` l-14 ta` Mejju 2015 dwar ir-rikors nru. 806/2013 : *Wara l-bejgh bis-Subbasta Numru 14/09 u fl-atti tac-Cedola Numru 649/09 fl-ismijiet :* ***<u>Michael Attard Limited (C32362) kontra Lee Nathan Mayne</u>*** qalet hekk :-

*"Fil-fehma tal-Qorti, li jkunu izjed minn tnejn il-persuni li jivvantaw dawk il-jeddijiet fuq id-depozitu huwa pregudizzjali sabiex tista` tiskatta l-procedura. Li l-kredituri jkunu izjed minn zewg persuni ghandu jirrizulta fi stadju bikri u cioe` meta wara li jkun sar id-depozitu, kreditur jew aktar jitolbu l-izbank, u dik it-talba tkun opposta minn ta` l-inqas zewg kredituri ohra. F`dak l-istadju, u allura qabel isir ir-rikors ghall-konkors, ikun diga` stabbilit l-ghadd tal-kredituri li qeghdin jirreklamaw il-flus depozitati jew li jopponu l-izbank ghaliex jippretendu li ghandhom kreditu kontra d-debitur, u li dak il-kreditu jippregradwa krediti ta` haddiehor. Jekk l-ghadd tal-kredituri fid-data tal-presentata tar-rikors ikun ta` tnejn jew inqas, il-procediment ma jistax jiskatta. Jekk l-ghadd ta` persuni jkun ta` izjed minn tnejn, il-procediment jista` jiskatta u n-numru ta` l-kredituri konkorrenti jista` anke jkompli jizdied, jekk jigu osservati s-subartikoli l-ohra tal-Art 416.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti (PA/PS) moghtija fis- 27 ta` Jannar 2003 fil-procediment nru 469/1998 fl-ismijiet* ***<u>"Konkors tal-Kredituri ta` Joseph Ellul"</u>*** *(mhux appellata). Minnha sejra*

*tislet dak li huwa rilevanti ghall-procediment tal-lum. Dak il-konkors kien istitwit minn Joseph Meli ghal JAV Services Station Limited bhala kreditur ta` Joseph Ellul. Il-Qorti qalet hekk inter alia :- Din il-procedura giet istigata mill-fatt allegat fir-rikors tas-socjeta` JAV Service Station Limited li fl-atti tac-Cedola Numru 750/96 hemm flejjes sufficjenti biex jigi sodisfatt il-kreditu taghha fil-konfront tad-debitur taghha Joseph Ellul, liema kreditu jinsab kononizzat b` sentenza tal-Qorti tal-Kummerc ta` l-20 ta` Novembru 1992 ; Kif kien mistenni dina l-Qorti, diversament presjeduta, kienet ordnat li jsiru s-soliti avvizi konformement mad-dettami ta` l-Artikolu 416(1) tal-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civil relattiv ghal proceduri "Fuq il-Konkorsi". Dawn jidher li saru …*

*Permezz ta` verbal fl-udjenza tat-12 ta` Ottubru 1999 dina l-Qorti hatret lill-Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino bhala kuratur. Dan minn naha tieghu nforma lill-Qorti b`nota ntavolata fis-27 ta` Novembru 2000 illi l-uniku konkorrent kienet biss is-socjeta` rikorrenti li ppromuoviet it-talba ghal konkors billi l-ebda haddiehor ma kkonkorra ; Effettivament mill-atti processwali ma jirrizultax li kien hemm kredituri ohra pretendenti. Dan nonostante li fir-rikors promotur taghha s-socjeta` rikorrenti kienet ippremettiet illi hi ma setghetx tizbanka l-ammont kanonizzat favur taghha "peress illi terzi persuni jidhrilhom li ghandhom jedd" fuq il-bilanc tas-somma depozitata ;*

*Kif gustament rilevat mill-imsemmi kuratur fis-Nota tieghu l-procedura ntentata ma tilhaqx u ma tissodisfax r-rekwizit baziku ta` l-Artikolu 416(1) tal-Kap 12 fis-sens illi l-konkors tal-kredituri jirrikjedi almenu izjed minn zewg persuni li jippretendu jeddijiet fuq il-flus depozitati ;*

*Effettivament is-socjeta` rikorrenti ma ressqet l-ebda prova dwar l-ezistenza ta` kredituri ohra li kellhom l-allegat jedd fuq id-depozitu jew bilanc tieghu. Li hu maghruf mill-korp tar-rikors promotur hu li anterjorment ghall-prezentata ta` din il-procedura kienu gja gew zbankati diversi ammonti ta` flejjes mis-somma inizjalment depozitata. Dan forsi jispjega ukoll u ahjar il-fatt illi ma kienx ghad fadal kredituri x`jikkonkorru ;*

*Dan kollu premess iwassal ghall-unika konkluzjoni possibbli. Jigifieri li l-procedura intentata mis-socjeta` rikorrenti saret "per inutile" u ma setghetx allura tigi attivata in kwantu, kif manifest, l-element essenzjali taghha ma jokkorrix …*

*Ghal dawn il-motivi mhux il-kaz li din il-Qorti tinoltra ruhha jew taghti provvedimenti ulterjuri kif mitlub, anke ghaliex, kif premess, il-procedura ntentata minn Joseph Meli nomine saret inutilment u ai termini ta` l-Artikolu 416 tal- Kap. 12 il-konkors tal-kredituri rikjest minnu ma huwiex*

*konsentit. L-ispejjez tal-prezenti procedura huma a kariku ta` l-istess Joseph Meli nomine."*

Ta` l-istess portata kien il-provvediment ta` din il-Qorti tal-14 ta` Mejju 2015 fir-rigward tar-*Rikors Numru 537/2014 li sar fl-atti tac-Cedola Numru 2323/12 u fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 3377/11 fl-ismijiet* ***Charles Grech & Co Limited (C2473) kontra Dr. Clarence Busuttil (ID 120859M) u Bay Catering Limited (C39785) u fl-atti tal-Mandat ta` Sekwestru Nru. 2747/12 fl-ismijiet : Lorraine Attard (ID 96271M) kontra XL Projects Limited (C51117) u Dr. Clarence Busuttil (ID 120859M)***

## IV. Fatti

Fil-kaz tal-lum, jirrizulta li l-bank rikorrentthuwa kreditur ta` Alexander u Dragmar Aloisio skont sentenza moghtija fit-8 ta` Gunju 2005 (Dok RB1 fol 4 et seq) liema sentenza saret gudikat, liema kreditu huwa garantit b`diversi ipoteki specjali inkombenti fuq il-proprjeta` liberata fis-subbasta relattiva.

Jirrizulta illi fit-3 ta` Gunju 2011, Stephanie Sammut Tagliaferro pprezentat cedola ta` depozitu ghas-somma komplessiva ta` €205,000 sabiex tkopri l-prezz ta` dar 35, Triq Ghar id-Dud, Sliema (fol 50).

Jirrizulta li wara li saret din ic-cedola, il-bank rikorrent ipprezenta rikors fil-11 ta` Lulju 2011 fejn talab illi jigi awtorizzat jizbanka s-somma depozitata b`dik ic-cedola. (fol 51 u 52).

Jirrizulta li r-rikors kien notifikat liz-zewg debituri Alexander Aloisio u Dagmar Schmalwasser, kif ukoll lill-bank rikorrent.

Ma jirrizultax li ntalbet li ssir notifika lil kredituri ohra.

Jirrizulta li Alexander Aloisio wiegeb b`nota tad-9 ta` Settembru 2011 fejn ma opponiex ghall-izbank rikjest mill-bank rikorrenti (fol 53).

Jirrizulta li saret ukoll nota minn Dolores sive Doris Magro u uliedha Isabel Borg Magro, Robert Magro u Venita Magro fid-9 ta` Settembru 2011 fejn huma gharrfu lill-Qorti diversament ippreseduta illi huma kredituri ipotekarji ta` Alexander Aloisio ghas-somma ta` €86,575 abbazi ta` att ta` kostituzzjoni ta` debitu tal-14 ta` Lulju 2005, u li dak il-kreditu kien ikkawtelat b`ipoteka specjali bin-nru. 13694/2005 fuq 35, Triq Ghar id-Dud, Sliema. Fl-istess nota, il-familja Magro rriservaww id-dritt li jippartecipaw fi kwalunkwe konkors ta` kredituri ghall-izbank tas-somma depozitata jew li jipprocedu bit-talba ghall-bejgh mill-gdid ta` l-imsemmija proprjeta` (fol 54).

Jirrizulta li fit-3 ta` April 2013, inghata digriet (fol 55) fejn din il-Qorti diversament ippreseduta rat li kien hemm terzi li ghandhom kreditu pretiz ukoll, u ghalhekk cahdet it-talba ghall-izbank li saret mill-bank rikorrent, filwaqt li stiednet lill-istess bank sabiex jaghti bidu ghall-proceduri opportuni tal-konkors tal-kredituri (fol 55).

Jirrizulta li kien fl-10 ta` Dicembru 2015 li l-bank rikorrent ipprezenta r-rikors tal-lum fejn ghax kien hemm kredituri ohra li kienu qed jippretendu jeddijiet u/jew xi interess iehor fuq id-depozitu talab il-ftuh tal-konkors tal-kredituri ta` Alexander Aloisio.

Jirrizulta li kien hemm ordni sabiex ir-rikors ikun notifikat lid-debituri, kif ukoll lil diversi kredituri fosthom il-familja Magro, il-konjugi Gioacchino sive Jack Galea u martu Victoria Galea, u John Bugeja.

Jirrizulta li l-familja Magro kienu notifikati fis-16 ta` Dicembru 2015 izda ma ressqu l-ebda talba sabiex ikunu ammessi jippartecipa fil-konkors.

Jirrizulta li l-konjugi Galea kienu notifikati fit-23 ta` Dicembru 2015 izda fil-mori ta` ta` dan il-procediment, ipprezentaw dikjarazzjoni a fol 203 fejn qalu li ma kellhom l-ebda interess fil-procedura tal-lum u li Alexander Aloisio ma kienx debitur taghhom.

Jirrizulta li John Bugeja kien l-uniku kreditur li talab li jigi ammess, talba li kienet akkolta ghax kienet konformi ma` dak previst fl-Art 416 tal-Kap 12.

Jirrizulta li d-depozitanti Stephanie Sammut Tagliaferro pprezentat nota fit-18 ta` Mejju 2016 fejn iddikjarat li ma kenitx qeghda topponi it-talba tal-bank rikorrent.

Jirrizulta illi d-debitur Aloisio rega` kkonferma li huwa kien qed jaccetta li l-bank rikorrent jippregradwa u jithallas hu.

## V. <u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>

Jidher illi l-bank rikorrent mexxa bil-procedura tal-lum bhala konsegwenza tal-fatt illi kienet michuda t-talba tieghu ghall-izbank.

Il-Qorti tirrileva illi fid-data meta sar ir-rikors, il-bank rikorrent jidher li kien konsapevoli tal-fatt illi kien hemm kredituri ohra li kienu qeghdin jivvantaw jedd fuq l-ammont depositat.

Ghalkemm huwa minnu li effettivament fil-procedura tal-lum, ippartecipaw u kienu ammessi zewg kredituri biss u cioe` l-bank rikorrent u John Bugeja, mill-atti kif fuq citati, jirrizulta li kien hemm kredituri ohra li ghal xi raguni ma ppartecipawx izda li kienu qed jippretendu jeddijiet fuq l-ammont depozitat meta l-bank rikorrenti talab li l-ammont depozitat jigi rilaxxjat a favur tieghu. Tant hu hekk li din l-Qorti hekk kif presjeduta kkonfermat li kien hemm terzi li kellhom pretensjonijiet u stiednet lill-bank rikorrent biex jipprocedi b`talba ghal konkors ta` kredituri.

Fic-cirkostanzi ghalhekk il-bank rikorrent tat bidu ghall-konkors tal-kredituri skont l-Art 416(1) tal-Kap 12 peress li rrizulta li kemm qabel kif ukoll wara l-prezentata tar-rikors (b`referenza ghan-notifiki li ntalbu li jsiru ta` dan ir-rikors) kien hemm izjed minn zewg kredituri, ghalkemm effettivament fil-procedura ghazlu li jippartecipaw zewg kredituri biss.

Dan premess, il-Qorti tirrileva li l-ghan ta` konkors ta` kredituri huwa li jistabilixxi liema kreditu jippregradwa fil-konfront ta` iehor.

Ghal din il-Qorti jirrizulta li l-kreditu tal-bank rikorrent jippregradwa l-kreditu dovut John Bugeja.

Hekk jirrizulta mid-dokumenti esebiti mill-bank rikorrentia fol 46 et seq tal-process meta meqjusa fil-konfront tad-dokumenti esebiti minn John Bugeja a fol 17 tal-process.

Inoltre rrizulta li l-kawza ta` preferenza giet ukoll validament registrata skont il-ligi, hekk kif jirrizulta li sehh fir-rigward tal-bank rikorrent.

Jirrizulta wkoll li l-ammont depozitat taht l-awtorita` tal-qorti mhuwiex bizzejjed biex jissoddisfa l-kreditu kollu tal-bank rikorrent peress li mir-rikors promotur u l-atti ezebiti, kien ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi fi procediment ta` din ix-xorta illi l-bank rikorrent huwa kreditur ta` Alexander Aloisio u Dagmar Pallmar Fiorini fis-somma ta` €271,954.82c eskluzi l-imghaxijiet ulterjuri fuq is-sorte mit-12 ta` Novembru 2015 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez relatati ma` din il-procedura u mal-proceduri tas-subbasta.

Il-konsegwenza legali ta` dan kollu hija li Lombard Bank Malta plc ghandha tithalla tizbanka wahedha l-ammont kollu depozitat.

__Decide__

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi dan il-procediment billi –**

**Tordna li l-ammont kollu ddepozitat bis-sahha tac-cedola ta` depozitu bin-nru. 688/2011 fuq riferita ghandu jigi zbankat kollu kemm hu minn Lombard Bank Malta plc biex ikun sodisfatt in parte l-kreditu taghha.**

**Tiddikjara illi bhala effett tal-izbank tal-flus kollha depozitat bis-sahha tac-cedola ta` depozitu fuq riferita minn Lombard Bank Malta plc mhux se jkun hemm bizzejjed fondi sabiex ikun sodisfatt il-**

**kreditu tal-kreditur l-iehor li kien ammess sabiex jikkonkorri fil-procediment tal-lum.**

**Tordna lil Lombard Bank Malta plc u lil John Bugeja sabiex ihallsu l-ispejjez rispettivi taghhom abbazi tal-kreditu li tieghu kienu qeghdin jippretendu l-hlas mic-cedola ta` depozitu fuq riferita.**

**Onor. Joseph Zammit McKeon**
**Imhallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Registratur**